# 'Santa Marija' f'kull rokna tal-Gżejjer Maltin!

Studju analitiku minn Charles COLEIRO



Ftit huma l-bliet u l-irħula f'Malta u Għawdex li ma għandhomx rabta ma' l-isem għażiż tal-Madonna fit-Tlugħ Tagħha fis-Sema. L-isem 'Santa Marija' jew 'l-Assunta' tnaqqax fuq il-ġebla Maltija u fuq it-tila fl-akbar għadd ta' knejjes parrokkjali kif ukoll bl-ewwel katidral tal-Imdina, fil-katidral l-ieħor t'Għawdex, fil-kappelli mxerrda fil-qalba tal-pajsaġġ u f'inħawi oħra u oqsma li tlaqqmu b'isem 'Santa Marija'.

F'din id-dawra qasira mal-Gżejjer Maltin mhumiex sejrin jissemmew il-parroċċi msemmija għal Santa Marija għaliex dawn huma magħrufa biżżejjed iżda din ir-riċerka hi maħsuba biex turi f'dawl ġdid uħud mill-knejjes u mkejjen oħra li jixirqilhom jiġu magħrufa aħjar fit-tradizzjoni populista li ssaħħaħ din il-qima Marjana minn żminijiet bikrija. Ma' dawn il-knejjes u kappelli hemm xi laqmijiet li jqanqlu mistoqsija dwar l-oriġini tagħhom.

Niltaqgħu ma' Santa Marija ta' Qrejqċa li tinsab f'Ħal Qormi u nbniet fl-1650 mill-Baruni Giacinto Sant Cassia. Il-laqam ġej kif jgħidu xi wħud, li fl-imgħoddi xi nies fqar jew oħrajn li ma setgħux jagħmlu l-viżti tradizzjonali tas-seba' Santa Marijiet mifruxa ma' Malta kollha, kienu jmorru jagħmlu żjara lis-seba' kappelli msemmija għal Santa Marija u li jinsabu fil-limiti tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Dawn kienu (kif għadhom) il-kappelli fuq tal-Blat, ta' Ċeppuna, ta' Atocia, tal-Ħlas, artal fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u jtemmu kif bdew, iż-żjara tagħhom fil-kappella ta' Santa Marija ta' Qrejqċa.



Il-kappella ta' Santa Marija ta' Qrejqċa li tinsab f'Ħal-Qormi.



Il-kappella ta' Santa Marija ta' Ċeppuna fil-Marsa.

Il-kappella ta' Ċeppuna fil-Marsa u l-oħra ta' Atocia, magħrufa wkoll bħala 'tas-Samra' fil-Ħamrun, dari kienu t-tnejn fil-limiti ta' Ħal Qormi. Jingħad li l-prokuratur tal-kappella 'ta' Qrejqċa' kien joqtol u jsajjar majjal imsemmen u jqassmu lill-pellegrini biex jitrejqu wara mixja twila. Ix-xaħam tal-majjal imsajjar meta jinqata' jħalli l-qarquċa u l-porzjon żgħir 'qrejqċa' kien jingħata wkoll lil dawk li kienu jibdew u jinġabru fl-aħħar żjara f'din il-kappella.

Kappella oħra b'laqam li jmur lura fis-snin hi dik ta' Santa Marija tal-Ftajjar li hemm f'Ħal Luqa. Din il-kappella nbniet fil-bidu tas-seklu ħmistax. Kien fiha tliet artali iżda Mons. Pietro Dusina, id-Delegat Appostoliku li żar Malta fl-1575, ordna li ma jsirx quddies fuq iż-żewġ altari tal-ġnub u ħalla biss l-artal maġġur bil-kwadru titulari ta' Santa Marija. Dun Simone Bonnici li kellu għalqa f'Ħal Luqa kien imġiegħel li bir-renti ta' din l-għalqa jagħmel quddiesa u vespri. Aktar minn hekk, kien iqassam ukoll xi ftajjar lill-foqra f'jum il-festa u minn hemm tnissel l-isem "tal-Ftajjar".

Jekk immorru fl-epoka ta' qabel il-miġja tal-kavallieri f'Malta, l-Isqof Senatore de Mello semma' għaxar parroċċi antiki li sab f'pajjiżna waqt iż-żjara tiegħu fl-1436



Il-kappella ta' Santa Marija tal-Ftajjar li nsibuha f'Ħal-Luqa.

u waħda minnhom kienet dik ta' Bir Miftuħ iddedikata lil Santa Marija. Jingħad iżda li l-knisja ta' Bir Miftuħ kienet ilha sservi ta' parroċċa ħafna snin qabel.

Meta l-kavallieri li waslu Malta fl-1530, telqu mill-Birgu u marru jabitaw fil-belt il-ġdida, Valletta, ħafna minn dawn in-nies li ġew minn Rodi (minn fejn kienu ġew) marru joqogħdu huma wkoll fil-Belt Valletta u kien jeħtiġilhom jibnu knisja oħra għall-funzjonijiet bir-rit Grieg. Din ġiet imsejħa l-knisja ta' Santa Marija Damaxxena (għal belt Sirjana). Fl-1587, l-ikona li kien hemm fil-knisja ta' Damaxxena fil-Birgu ttieħdet fil-knisja l-ġdida fil-Belt, mill-Gran Mastru Verdalle. Aktar tard saret ikona oħra għal din il-knisja hekk imsejħa 'tal-Griegi' fejn għadha hemm sal-lum.

Il-gżira ta' Kemmuna daħlet ukoll mal-kult reliġjuż fl-isfond tat-tradizzjoni Marjana tal-knejjes tagħna. Il-bidu tal-kappella mhux magħruf għalkemm kienet ġa tissemma' għall-ħabta ta' nofs is-seklu tlettax. Fl-1667 kienet ġiet ipprofanata mill-Isqof Bueno iżda nfetħet mill-ġdid għall-qima tal-insara fl-1716 mill-Isqof Cannaves. L-istoriku Ġann Franġisk Abela kiteb fl-1647 dwar "kappella li hemm f'Kemmuna ddedikata lil Santa



Il-kappella ta' Santa Marija taż-Żejfi li nsibu fil-Mosta.

Marija" li wisq probabbli, wara, kienet il-mira ta' pirati mill-barbarija kif kien jiġri ta' spiss. Il-kappella hi qrib il-bajja li tatha isimha, il-Bajja ta' Santa Marija, għalkemm it-titular uffiċjali hu dak tal-Madonna fir-Ritorn mill-Eġittu. Aktar minn hekk it-torri ta' Kemmuna hu wkoll imsemmi għal Santa Marija. Dan it-torri nbena mill-Gran Mastru Alof de Wignacourt fl-1618 fuq l-għolja ta' Ras l-Irqieqa. Torri ieħor ta' żmien Wignacourt u li jġib isem Santa Marija hu dak magħruf bħala 'it-Torri tax-Xgħajra'. Inbena mill-arkitett Vittorio Cassar u mniżżel fil-kitba bħala "*Forte Santa Maria delle Grazie*".

Fil-Mosta ma jistax jonqos li d-devozzjoni lejn l-Assunta tmur aktar 'il bogħod mis-santwarju li jġib isimha. Fl-arkivji tal-1575 hemm riferenzi għall-knisja ddedikata lit-Tlugħ tal-Madonna fis-Sema, fit-triq li mill-Mosta tagħti għall-Imdina. Għadha tissejjaħ bħala 'Taż-Żejfi' li ħadet dan l-isem minn Dr. Gio M. Camenzuli, imlaqqam 'Iż-Żejfi'. Dan kien mgħarraf mill-Vigarju Ġenerali, Dun Filippo Borg, bl-awtorità mogħtija fil-5 ta' Diċembru, 1607. Dr. Camenzuli ħalla dispożizzjoni f'testment dwar proprjetà, għall-preservazzjoni ta' din il-knisja (li kienet reġgħet inbniet) kif tniżżel f'dak it-testment iffirmat quddiem in-nutar Ferdinando Ciappara fil-11 ta' Mejju, 1610.

Fil-gżira Għawdxija, dik li baqgħet magħrufa bħal 'il-Madonna ta' Pinu' mill-benefattur li bena l-ewwel kappella tagħha, hi kollha kemm hi ddedikata lill-Assunta, kif jixhed il-kwadru tal-Madonna mdawra bl-anġli fit-tlugħ tagħha fis-sema. Mal-inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Pinu hemm ukoll dik tal-kwadru titulari mpitter minn Michael Busuttil fil-katidral t'Għawdex. Fil-gżira Għawdxija mill-ġdid, niltaqgħu ma' żewġ santwarji oħra ta' Santa Marija bil-Madonna nkurunata: fiż-Żebbuġ, fiċ-ċerimonja li saret fl-1980 (kwadru tal-pittur Francesco de Dominicis) u l-kappella magħrufa bħala tal-"Madonna tal-Qala", bil-kwadru antik tal-Assunta li l-Isqof Nikol



Il-kappella ta' Santa Marija Damaxxena li tinsab fil-Forti Sant'Anġlu, il-Birgu.

Cauchi wkoll qiegħed il-kuruna fl-1988.

U ma jistax ma jissemmix il-kwadru titulari fir-Rotunda tal-Mosta, xogħol ta' Pasquale Buhagiar. Fuq ras il-Madonna tqegħdet il-kuruna tad-deheb mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, nhar l-10 t'Awwissu, 1975. Kien jum storiku għall-Mostin u l-jum ta' l-Għaxra t'Awwissu għadu jitfakkar b'solennità kbira sal-lum.

Hemm għadd kbir ta' knejjes iddedikati lill-Madonna Mtellgħa s-Sema f'dawn il-gżejjer li biex jissemmew kollha bil-ġrajjiet li sawruhom, jieħdu paġni sħaħ b'tul li jista' jimla bosta mill-ispazju f'dan il-ktieb. Madankollu tinħass il-ħtieġa li għall-anqas jissemmew xi ftit minnhom, biex f'ħarġiet oħra f'din l-istess pubblikazzjoni jingħata tagħrif kif għandu jkun dwarhom. Fost dawn l-imqades imsemmija għal Santa Marija niltaqgħu mal-knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Muxi f'Ħaż-Żebbuġ, il-knisja tal-istess titlu li hemm Bubaqra, Santa Marija ta' Ċwerra u l-knisja l-oħra tagħha f'Ħax-Xluq, limiti tas-Siġġiewi, Santa Marija tar-Rokna f'Ħal Tarxien, Santa Marija tax-Xagħra fin-Naxxar, il-kappella tal-Assunzjoni (magħrufa bħala 'taż-Żellieqa') f'Ħal Għargħur, il-knejjes tagħha f'Tal-Virtù u Ta' Duna fir-Rabat, u Santa Marija ta' Ħal Tmin fiż-Żejtun.

Minbarra dawn il-knejjes, kappelli u lokalitajiet li jġibu isem Santa Marija bħal *Santa Maria Estates* fil-Mellieħa, hemm ukoll il-kalendarju agrikolu bil-'qbiela ta' Santa Marija' u l-'għarajjex' u l-festi fi ħdax-il parroċċa, magħduda l-aħħar waħda li twaqqfet fil-knisja l-qadima ta' Birkirkara. Magħhom jiżdiedu bosta opri tal-arti, kwadri tal-pittura u statwi li jżejnu lill-knejjes tagħna, xbihat oħra fit-toroq u l-pjazez madwar Malta u Għawdex u l-istess isem Marija li baqa' jintiret fil-familja Maltija.



Il-Kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa li tinsab f'Ħal-Għargħur.

*Riferenzi:*
*Dr. Joseph F. Grima għal "Santa Marija ta' Qrejqċa";*
*Dun Ġużepp Micallef għal "Santa Marija tal-Ftajjar", (Ħal Luqa – Niesha u Ġrajjietha).*

**tradition - quality - passion**



WE HAVE BEEN SUPPLYING GENERATIONS OF SATISFIED CYCLISTS WITH A CHOICE OF QUALITY CYCLING PRODUCTS. WITH OUR EXPERIENCE & RANGE OF PRODUCTS, WE WILL ASSIST YOU IN FINDING THE RIGHT ITEM FOR YOU.

**IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF TOP BRANDS**

FOCUS · Deda Elementi · Marzocchi · Haro · TREK · Bianchi · hb · DMT · GT Bicycles · PINARELLO · Corpado · ESPERIA · MAVIC · Giordana · zefal · JOE'S NO-FLATS · SIGMA · MONGOOSE · Nalini · Wilier Triestina · GARY FISHER · KINK · Reckless · VITTORIA · MIRRACO · SCHWALBE · SHIMANO · Guerciotti · selle ITALIA

MOUNTAIN BIKES - BMX - FREESTYLES - RACING BIKES - KIDS' BIKES - CITY BIKES - PARTS & ACCESSORIES - CYCLE WEAR
CAR REAR BIKE CARRIERS - REPAIRS & SERVICE ON ANY KIND & BRAND OF BICYCLE

OPENING HOURS - MONDAY TO FRIDAY 09.00 - 12.30 & 16.00 - 19.00 SAT 09.00 - 12.30

MAGRI Cycles & Spares Est. 1889

148b, 155, Eucharistic Congress Road, Mosta MST 9036
Tel: 21 414 399 - 21 432 890 Fax: 21 436 377 Mob: 79 414 399
E-mail: magricyc@nextgen.net.mt Website: www.magricycles.com